IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2013
COM(2013) 509 final

2013/0238 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015)

{SWD(2013) 265 final}

MT MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp inbidlet f'dawn l-aħħar deċennji quddiem sfond ta' sfidi globali u interdipendenza dejjem jikbru, differenzjazzjoni fost pajjiżi li qed jiżviluppaw u atturi ġodda fl-iżvilupp.

L-2015 se tkun sena kruċjali għall-iżvilupp: din hija l-aħħar sena biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (*Millenium Development Goals* - MDGs) li dwarhom kien hemm qbil kollettiv, u hija s-sena li fiha se jkunu jridu jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-qafas li se jieħu posthom.

Erba' snin wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni dwar l-*Aġenda għall-Bidla* [1], l-2015 se jkun ukoll żmien tajjeb biex jiġu kkomunikati r-riżultati konkreti tar-riforma tal-politika għall-iżvilupp li dik irrappreżentat.

L-UE hija l-akbar donatur ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (*Official Development Aid* - ODA) fid-dinja, u tipprovdi aktar minn nofs l-għajnuna kollha mogħtija madwar id-dinja. L-impenn qawwi tagħha favur l-appoġġ lill-pajjiżi sħab imur lura sal-1957, meta t-Trattati ta' Ruma stabbilew għall-ewwel darba politika Ewropea għall-iżvilupp.

It-Trattat ta' Lisbona integra b'mod sod il-politika għall-iżvilupp fl-azzjoni esterna tal-UE, bl-għan ġenerali tagħha jkun il-qerda tal-faqar, u dan b'appoġġ tal-interess li għandha li jkun hemm l-istabbilità u l-ġid fid-dinja. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija wkoll parti mill-istrateġija Ewropa 2020.

Fl-aħħar nett, inizjattivi ta' politika importanti tal-UE bħal dik għall-koerenza fil-politika għall-iżvilupp u l-effettività tal-għajnuna kienu ta' kontribut b'mod konsistenti għat-titjib tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE.

## 2. SENA EWROPEA GĦALL-IŻVILUPP

- **Sfidi**

Minkejja dan l-impenn sod tagħha biex tappoġġja pajjiżi sħab, iċ-ċittadini tal-UE spiss ikollhom nuqqas ta' informazzjoni dwar il-kooperazzjoni fl-iżvilupp, għaliex dan huwa bżonnjuż, u dwar il-valur miżjud tal-politiki għall-iżvilupp fil-livell tal-UE. L-istħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Ottubru 2012 xeħet dawl fuq oqsma sinifikanti ta' nuqqas ta' għarfien, bi 53 % ta' dawk li wieġbu jindikaw li ma jafu xejn dwar fejn tasal l-għajnuna tal-UE (44 % ma jafux fejn tasal l-għajnuna bilaterali minn pajjiżhom)[2].

L-istħarriġ wera wkoll li l-impenn personali qed jonqos xi ftit u li l-perċezzjonijiet dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-importanza marbuta magħha tvarja madwar l-UE.

F'dinja li qed tinbidel malajr, in-nies għandhom bżonn l-informazzjoni dwar kif Ewropa li tħares 'il barra minnha nnifisha tista' tgħin biex tiżgura s-sostenibbiltà

[1] *Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla*, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2011) 637 finali, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012.

[2] *Solidarity that spans the globe: Europeans and development aid*, Ewrobarometru speċjali 392, Ottubru 2012.

globali. Huwa importanti li jitqajjem għarfien fost iċ-ċittadini Ewropej dwar l-interdipendenza globali tagħna. B'mod ġenerali, iċ-ċittadini tal-UE huma ħerqana biex jifhmu kif jistgħu jagħmlu differenza u li jkollhom l-informazzjoni huwa l-ewwel pass lejn it-teħid ta' azzjoni.

Il-politiki ta' żvilupp għaddew minn bidla fundamentali f'dawn l-aħħar snin. Lil hinn mir-relazzjoni tradizzjonali bejn id-donatur u l-benefiċjarju, l-enfasi llum qed jinxteħet dejjem aktar fuq approċċ dwar l-isfidi globali ta' interess reċiproku, li jkun ibbażat fuq il-parità mal-pajjiżi sħab.

Madankollu, l-objettivi maġġuri tal-politika għall-iżvilupp tal-UE għandhom bżonn l-impenn pubbliku. Meta jitqiesu l-limitazzjonijiet ikkawżati mill-kriżi globali, pereżempju, opinjoni pubblika qawwija tista' tgħin biex tinkiseb il-mira li 0.7% tal-PDG jiġi indirizzat lejn l-iffinanzjar tal-iżvilupp[3].

Barra minn hekk, l-importanza marbuta mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tvarja minn Stat Membru għall-ieħor. Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp 2015 hija opportunità biex jittejjeb il-livell ta' informazzjoni fl-Istati Membri kollha. Din l-istrateġija għandha tindirizza gruppi ta' mira nazzjonali differenti. B'dan f'moħħna, l-involviment tal-Istati Membri u r-Rappreżentazzjonijiet tal-UE se ikun partikolarment importanti.

Il-fatt li l-UE hija attur globali u promotur għall-bidla huwa importanti għall-appoġġ kontinwu għall-politika tal-iżvilupp tagħha. L-UE teħtieġ li tiġi kkunsidrata bħala li qed tikkoordina u tikkoopera mal-Istati Membri u ma' donaturi oħra. Iċ-ċittadini fil-biċċa l-kbira tagħhom mhumiex konxji tal-effettività u tal-effetti pożittivi tal-għajnuna u din jeħtieġ li tiġi ppreżentata f'termini anqas tekniċi.

- **L-opportunitajiet**

L-organizzazzjoni tas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, speċifikament fl-2015, se tirrikjedi sforz addizzjonali sinifikanti, iżda sejra wkoll tirrappreżenta opportunità biex tiġi mobilizzata forza madwar l-Ewropa kollha, kemm fost dawk li jfasslu l-politika kif ukoll fost iċ-ċittadini tal-UE inġenerali. Il-EYD2015 tista' tiġġenera għarfien pubbliku akbar u tpoġġi r-rwol tal-UE fl-iżvilupp internazzjonali fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Tista' wkoll tqajjem il-livell ta' għarfien fil-popolazzjoni kollha kemm hi dwar kif l-iżvilupp, l-iżvilupp sostenibbli, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel, il-bijodiversità, u kwistjonijiet oħra relevanti jintrabtu ma' xulxin, u kif dan jaffettwa l-ifqar nies fuq il-pjaneta u jiġi promoss il-kunċett ta' koerenza tal-politika. Tista' tintrabat mal-inizjattivi ta' komunikazzjoni kollha li l-Istati Membri u l-atturi l-oħra fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp bla dubju qegħdin jippjanaw għal dik is-sena b'mod partikolari.

Kif muri fl-Ewrobarometru, il-bżonn ċar biex jitjiebu l-komunikazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE hija pariġġ ir-riċettività globali akbar min-naħa taċ-ċittadini tal-UE fejn tidħol l-għajnuna lill-fqar f'pajjiżi msieħba. L-appoġġ li tingħata l-għajnuna lil pajjiżi sħab għadu għoli b'mod konsistenti (85%) Aktar minn sitta minn kull għaxar Ewropej jaħsbu li l-għajnuna lil pajjiżi sħab għandha tiżdied. Madankollu, l-istrateġiji ta' komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE dejjem għandhom ikunu adattati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali.

[3] Dan jirreferi għall-impenn ripetut tal-gvernijiet tad-dinja li jimpenjaw 0.7% tal-prodott nazzjonali gross tal-pajjiżi sinjuri (PNG) għal assistenza uffiċjali għall-iżvilupp.

L-UE għandha xibka wiesgħa u attiva ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li tikkopera mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-UE. L-NGOs għandhom rwol ewlieni biex jindirizzaw liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u biex jinvolvuhom.

Is-settur privat u l-fondazzjonijiet internazzjonali qed isiru dejjem aktar attivi fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-opinjonisti internazzjonali qegħdin isiru atturi importanti fir-rigward tal-għajnuna għall-iżvilupp. Huma influwenti fil-ħolqien ta' sinerġiji, inkluż fejn tidħol il-komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp lil udjenza aktar wiesgħa.

Permezz tax-xibka folta ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea madwar id-dinja tista' tingħabar informazzjoni dwar ir-riżultati tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u biex din titqassam f'pajjiżi sħab.

L-EYD2015 se tgħin biex jingħata ingranaġġ lill-isforzi komunikattivi li għaddejjin dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE. Hija sejra ssaħħaħ il-viżibbiltà u l-iffukar fuq ir-riżultati ta' dik il-kooperazzjoni.

- **L-objettivi u l-attivitajiet proposti:**

L-għan tal-EYD2015 huwa li tinforma liċ-ċittadini tal-UE dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, b'enfasi fuq dak li l-Unjoni Ewropea tista' diġà tikseb bħala l-ikbar donatur tal-għajnuna fid-dinja u kif tista' tagħmel aktar permezz tas-saħħa magħquda tal-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet tagħha.

L-EYD2015 għandha l-iskop li tistimula l-interess attiv taċ-ċittadini Ewropej fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u li trawwem sens ta' responsabbiltà u opportunità fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika.

Sejra tqajjem għarfien dwar ir-rwol tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, li twassal għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji mhux biss għar-riċevituri iżda wkoll għaċ-ċittadini tal-UE, f'dinja li dejjem qed tinbidel u ssir dejjem aktar interdipendenti.

Il-messaġġi ewlenin li għandhom jitwasslu matul is-sena għandhom jitnisslu mill-Komunikazzjonijiet ta' dan l-aħħar *Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla* u *Ħajja diċenti għal kulħadd, neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli*[4].

Se jiġi adottat approċċ wiesa', li jkopri kemm il-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp kif ukoll l-għajnuna umanitarja, għall-komunikazzjoni dwar l-għajnuna tal-UE matul l-EYD2015. Fejn possibbli, l-azzjoni għall-EYD2015 se titfassal u tiġi implimentata ma' sħab strateġiċi. Għaldaqstant, se jintużaw fora eżistenti biex jippromwovu l-EYD2015, iżda għandha ssir ukoll tfittxija għal tisħib innovattiv.

L-attivitajiet kollha għandhom kemm jista' jkun ikunu qrib iċ-ċittadini ġewwa u barra l-UE u jkunu f'forma li tinftiehem faċilment minnhom. Se tingħata attenzjoni lil gruppi speċifiċi ta' mira, inklużi ż-żgħażagħ, sabiex l-impatt ikun akbar.

Sa fejn ikun possibbli, se jittieħed vantaġġ minn inizjattivi eżistenti ta' komunikazzjoni, pereż. il-Jiem Ewropej tal-Iżvilupp, l-inizjattiva li teduka dwar l-iżvilupp u tqajjem għarfien dwaru (DEAR), premjijiet, bħalma huma l-Premju

---

4 *Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla*, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2011) 637 finali, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012; *Ħajja diċenti għal kulħadd, neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli*, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2013) 92 finali. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar *Aġenda għall-Bidla: il-Futur tal-politika tal-iżvilupp tal-UE* (2012/2002/INI).

Lorenzo Natali jew pubblikazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE bħalma hu r-Rapport Annwali tal-EuropeAid.

L-attivitajiet f'oqsma oħra ta' politika, pereż. r-relazzjonijiet esterni, il-kummerċ, it-tkabbir, l-impjiegi u l-politika soċjali, l-edukazzjoni u l-kultura, is-saħħa, l-agrikoltura, u r-riċerka u l-innovazzjoni, diġà jikkontribwixxu, direttament jew indirettament, għall-promozzjoni tal-iżvilupp. Il-Kummissjoni sejra tibni fuq dawn l-attivitajiet biex iżżid mal-impatt tal-EYD2015.

Bħal fi Snin Ewropej preċedenti, miżuri addizzjonali se jinkludu kampanji ta' komunikazzjoni, konferenzi, avvenimenti, inizjattivi, studji u stħarriġ fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jitwasslu l-messaġġi ewlenin u jinxtered it-tagħrif dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u sabiex iċ-ċittadini tal-UE jiġu mistiedna jipparteċipaw u jikkontribwixxu b'mod attiv. Il-Kummissjoni tista' tidentifika attivitajiet oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-EYD2015.

L-azzjoni taħt l-EYD2015 jeħtieġ li tkun imfassla għall-bżonnijiet u ċ-ċirkostanzi ta' Stati Membri individwali. Tittieħed f'kunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba minn Snin Ewropej preċedenti. L-Istati Membri huma mistiedna jaħtru koordinatur nazzjonali għall-EYD2015. Il-koordinaturi nazzjonali se jikkonsultaw mill-qrib ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati u, fejn xieraq, jaġixxu bħala aġenziji jew punti ta' kuntatt nazzjonali għal attivitajiet rilevanti tal-UE.

L-azzjoni marbuta mal-EYD2015 meħuda flimkien mal-Istati Membri se tieħu f'kunsiderazzjoni l-istrateġji ta komunikazzjoni li għandu kull pajjiż. B'hekk l-Istati Membri jkunu mistiedna jikkomunikaw dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE fl-aktar sens wiesa'.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI

F'Mejju 2011, b'reazzjoni għal proposta inizjali mill-Konfederazzjoni Ewropea tal-NGOs għall-għajnuna u l-iżvilupp (CONCORD), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ippropona li l-2015 tiġi identifikata bħala s-Sena Ewropea għall-iżvilupp (EYD).

F'Ottubru 2012, il-Parlament Ewropew appella lill-Kummissjoni biex tiddkjara s-sena 2015 bħala s-sena Ewropea għall-Iżvilupp, u esprima t-tama tiegħu li dan jista' jgħolli l-profil tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz ta' Azzjoni Esterna ġew ikkonsultati b'mod informali fuq l-idea tal-EYD2015.

Il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri ġew ikkuntattjati informalment dwar l-organizzazzjoni tal-EYD2015.

L-EYD2015 hija punt fuq l-aġenda fil-laqgħa regolari mad-Diretturi Ġenerali tal-Istati Membri responsabbli għall-iżvilupp f'Ġunju 2013.

Saru diskussjonijiet dwar l-organizzazzjoni mat-task force interistituzzjonali dwar l-EYD2015 magħmul minn rappreżentanti ta' CONCORD, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, Membri tal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri.

Il-pjanijiet għall-EYD2015 ġew kondiviżi mal-forum li jqajjem għarfien dwar l-edukazzjoni għall-iżvilupp (DEAR), li għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċitajiet ta' sensibilizzazzjoni tal-NGOs u li jeduka u jinvolvi l-pubbliku Ewropew dwar il-qerda

tal-faqar u l-inklużjoni soċjali madwar id-dinja. Is-sustanza tal-inizjattiva hija milqugħa tajjeb ħafna, u l-għadd dejjem jikber ta' rikjesti għal aktar tagħrif u appoġġ attiv jindika li hemm domanda kbira għaliha.

Meta wieħed iqis id-dimensjoni tar-relazzjonijiet esterni tal-EYD2015, saru wkoll diskussjonijiet informali ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

## 4. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Il-bażi legali**

L-Artikolu 209 tat-TFUE jipprovdi l-bażi legali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni mill-UE tal-politika tagħha għall-iżvilupp, kif definit fl-Artikolu 208.

L-Artikolu 210 tat-TFUE jistipula li sabiex jippromwovu l-komplementarità u l-effikaċja tal-azzjoni tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-linji ta' politika tagħhom dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-programmi tagħhom ta' għajnuna, inkluż f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali. Huma jistgħu jieħdu azzjoni konġunta. Jekk ikun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe inizjattiva utli biex tippromwovi din il-koordinazzjoni.

L-iskop ewlieni tal-proposta għal deċiżjoni dwar l-EYD2015 huwa li titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-valur miżjud ta' dimensjoni Ewropea fejn tidħol il-kooperazzjoni fid-dawl tal-interdipendenza globali u ta' politika għall-iżvilupp tal-UE li dejjem tinbidel.

Bħala tali, dan l-għan jaqa' fl-ambitu taż-żewġ Artikoli msemmija hawn fuq.

- **Il-prinċipju ta' sussidjarjetà**

Ir-responsabbiltà primarja biex jitqajjem l-għarfien taċ-ċittadini fi kwistjonijiet ta' żvilupp tinsab f'idejn l-Istati Membri. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tikkomplementa u tissupplimenta l-azzjonijiet nazzjonali f'dan ir-rigward, kif enfasizzat fid-dikjarazzjoni politika *Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija*, iffirmata fit-22 ta' Ottubru 2008 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni[5]. Peress li, minħabba l-ħtieġa ta' sħubiji multilaterali, ta' skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u tas-sensibilizzazzjoni u t-tixrid ta' prassi tajba madwar l-Unjoni kollha, l-għanijiet tas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala tas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

L-azzjoni li għandha tiġi implimentata fis-Sena Ewropea li qed tiġi proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet. Għaldaqstant il-proposta tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE.

[5] ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3.

## 5. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-flessibbiltà għall-iffissar tal-prijoritajiet annwali jew pluriennali abbażi tal-linji baġitarji u tal-programmi tal-Kummissjoni tipprovdi marġni finanzjarji suffiċjenti għat-tmexxija tal-EYD2015 skont l-ippjanar preliminari attwali (ara l-Anness).

2013/0238 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 u l-Artikolu 210(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[6],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[7],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tikkonsisti fil-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem u l-progress tal-bnedmin fid-dimensjonijiet kollha tagħhom, inkluża d-dimensjoni kulturali[8].

(2) L-Unjoni Ewropea ilha tipprovdi għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-1957 u hija l-akbar donatur tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp fid-dinja.

(3) It-Trattat ta' Lisbona integra fis-sod il-politika għall-iżvilupp fl-azzjoni esterna tal-UE b'appoġġ għall-interess li għandha l-UE f'dinja stabbli u b'aktar ġid. Il-politika għall-iżvilupp tgħin ukoll biex jiġu indirizzati sfidi globali oħrajn u tikkontribwixxi għall-Istrateġija UE-2020.

(4) L-UE ilha fuq quddiem fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' koerenza fil-politika għall-iżvilupp, li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sinerġiji bejn politiki mhux ta' għajnuna u l-għanijiet ta' żvilupp.

(5) Il-ġlieda kontra l-faqar tibqa' l-għan ewlieni tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(6) Fl-2000, il-komunità internazzjonali ntrabtet li tieħu passi konkreti sal-2015 fil-ġlieda kontra l-faqar, bl-adozzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, objettivi li ġew aċċettati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

(7) Id-dinja għaddiet minn bidla enormi fis-snin riċenti, inklużi bidliet fix-xejriet li jaffettwaw l-ekonomija globali u l-bilanċ politiku. Fix-xena globali tfaċċaw atturi ġodda, inklużi atturi privati u oħrajn mhux governattivi. Filwaqt li ekonomiji

[6] ĠU C xxxx, p.

[7] ĠU C xxxx, p.

[8] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar *Aġenda għall-Bidla: il-Futur tal-politika tal-iżvilupp tal-UE* (2012/2002/INI).

żviluppati u emerġenti huma responsabbli għall-biċċa l-kbira tal-PDG globali, dawn tal-aħħar issa saru l-ixpruni ewlenin tat-tkabbir globali u diġà għandhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija dinjija.

(8) Huwa vitali appoġġ kontinwu fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp f'dinja li qed tinbidel malajr. Madwar 1.3 biljun ruħ għadhom jgħixu f'faqar esterm u l-ħtiġijiet ta' żvilupp uman ta' ħafna aktar għadhom mhux qed jiġu sodisfatti. L-inugwaljanzi fi ħdan il-pajjiżi żdiedu fil-biċċa l-kbira tad-dinja. L-ambjent naturali jinsab taħt pressjoni li dejjem tiżdied u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma affettwati b'mod partikularment qawwi mill-effetti tat-tibdil fil-klima. Dawn l-isfidi huma universali u marbutin ma' xulxin u jeħtieġ li jiġu indirizzati flimkien mill-pajjiżi kollha.

(9) Bdew id-diskussjonijiet dwar il-qafas għal wara l-2015, u l-Kummissjoni Ewropea fissret il-fehmiet tagħha fil-Komunikazzjoni *Ħajja diċenti għal kulħadd, neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli*[9]. Din il-proposta ta' politika għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet fil-qafas ta' żvilupp li jeżisti bħalissa, u li tistabbilixxi approċċ komuni sabiex jinġiebu flimkien il-preokkupazzjonijiet dwar il-qerda tal-faqar u dwar is-sostenibbilità f'qafas internazzjonali ewlieni. Hija tkompli tibni fuq il-Komunikazzjoni tal-2011 tal-Kummissjoni *Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-bidla*[10], li diġà wasslet għal riorjentament maġġuri tal-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp.

(10) Sena Ewropea għall-Iżvilupp fl-2015 tipprovdi opportunità f'waqtha biex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku inġenerali dwar l-orjentazzjoni attwali tal-politika Ewropea tal-iżvilupp. Hija meħtieġa l-informazzjoni dwar kif Ewropa li tħares 'il barra tista' tgħin biex tiżgura sostenibbiltà globali. Dan jinkludi t-tqajjim tal-għarfien dwar l-interdipendenza globali u li jintwera li l-iżvilupp huwa aktar minn sempliċiment għajnuna.

(11) L-2015 għandha tkun sena emblematika u kruċjali, peress li hija l-aħħar sena biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs), li dwarhom kien hemm qbil kollettiv, u b'hekk teżisti opportunità unika biex jiġu evalwati l-impenji internazzjonali li ttieħdu sa mis-sena 2000. L-2015 se tkun ukoll is-sena li fiha għandha tittieħed deċiżjoni internazzjonali ewlenija dwar il-qafas għall-iżvilupp li se jieħu post il-qafas tal-MDG tul id-deċennji li ġejjin.

(12) L-istess sena tista' wkoll tkun il-mument opportun għall-preżentazzjoni tal-politika għall-iżvilupp tal-UE wara l-implimentazzjoni tal-prinċipji mfissra fil-Komunikazzjoni *Aġenda għall-Bidla,* adottata fl-2011.

(13) Ta' importanza essenzjali għall-impatt pożittiv tal-azzjoni tal-Unjoni għall-iżvilupp hija sa liema livell hija tgawdi minn appoġġ popolari u politiku wiesa'. Is-Sena Ewropea għandha, għalhekk, isservi ta' katalist biex titqajjem kuxjenza, biex tinħoloq enerġija dinamika u għall-iskambju tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u l-entitajiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet involuti fi kwistjonijiet tal-iżvilupp. Hija għandha tgħin biex tiġi ffukata l-attenzjoni politika u biex jiġi mmobilizzat kull min hu kkonċernat sabiex jiġu promossi azzjonijiet u inizjattivi ulterjuri kemm f'livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, flimkien mal-benefiċjarji tal-għajnuna għall-iżvilupp u r-rappreżentanti tagħhom.

---

[9] *Ħajja diċenti għal kulħadd, neqirdu l-faqar u nagħtu lid-dinja futur sostenibbli*, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2013) 92 finali.

[10] *Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla*, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2011) 637 finali, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2012.

(14) L-Ewrobarometru ta' Ottubru 2012[11] wera li kien hemm appoġġ qawwi miċ-ċittadini tal-UE li tingħata għajnuna lil pajjiżi sħab (85 %) Minkejja l-klima ekonomika attwali, aktar minn sitta minn kull għaxar Ewropej jaħsbu li l-għajnuna għan-nies fil-pajjiżi sħab għandha tiżdied. Fl-istess ħin, l-Ewrobarometru wera b'mod ċar li hemm nuqqas ta' għarfien dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, fatt li jindika l-ħtieġa ta' kommunikazzjoni aħjar.

(15) Fit-23 ta' Ottubru 2012[12], f'riżoluzzjoni, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiddikjara s-sena 2015 bħala s-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, u esprima t-tama tiegħu li dan jista' jgħolli l-profil tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

(16) Il-koordinazzjoni effiċjenti bejn l-imsieħba kollha li jikkontribwixxu fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali hija prerekwiżit fundamentali għal Sena Ewropea effettiva. L-imsieħba lokali u reġjonali għandhom rwol partikolari fil-promozzjoni tal-politika għall-iżvilupp tal-UE.

(17) Il-kuntesti u s-sensitivitajiet nazzjonali soċjoekonomiċi u kulturali diversi jirrekjedu li xi attivitajiet tas-Sena Ewropea jkunu deċentralizzati fil-livell nazzjonali, skont l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju[13]. Madankollu, l-iffissar tal-prijoritajiet politiċi fil-livell nazzjonali għandu jiġi kkoordinat mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tkun iggarantita l-konsistenza mal-għanijiet strateġiċi tas-Sena Ewropea.

(18) Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tas-Sena Ewropea li għandhom jiġu ffinanzjati għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fi programmi tal-Unjoni kif stabbiliti fil-ftehim qafas u f'deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, rispettivament.

(19) Għandha tiġi żgurata konsistenza u kumplimentarjetà ma' azzjoni oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) inkluż il-programm dwar it-tqajjim tal-kuxjenza dwar l-iżvilupp (DEAR), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) u strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE għall-azzjoni esterna fejn ikunu rilevanti għall-politika tal-iżvilupp.

(20) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonali tul iċ-ċiklu tal-infiq kollu kemm hu, li jinkludi l-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod ħażin u, fejn xieraq, pieni amministrattivi u finanzjarji skont ir-Regolament (UE) Nru 966/2012[14] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni.

(21) Sabiex l-attivitajiiet maħsuba għas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp ikunu kemm jista' jkun effettivi u effiċjenti, huwa importanti li titwettaq sensiela ta' azzjonijiet preparatorji fl-2013 u l-2014.

---

[11] *Solidarity that spans the globe: Europeans and development aid*, Ewrobarometru Speċjali 392, Ottubru 2012.

[12] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar *Aġenda għall-Bidla: il-Futur tal-politika tal-iżvilupp tal-UE* (2012/2002/INI).

[13] Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002

[14] ĠU L 298, 26,10.2012, p. 1.

(22) Il-Kummissjoni diġà ħadet bosta inizjattivi li jippromwovu politiki ta' żvilupp u li jinfurmaw liċ-ċittadini dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha. Dawn l-inizjattivi eżistenti għandhom jintużaw kemm jista' jkun għas-Sena Ewropea 2015.

(23) Ir-responsabbiltà primarja biex jitqajjem l-għarfien taċ-ċittadini fi kwistjonijiet ta' żvilupp tinsab f'idejn l-Istati Membri. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tikkomplementa u tissupplimenta l-azzjonijiet nazzjonali f'dan ir-rigward, kif enfasizzat fid-dikjarazzjoni politika *Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija*, iffirmata fit-22 ta' Ottubru 2008 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni[15].

(24) Peress li, minħabba l-ħtieġa ta' sħubiji multilaterali, ta' skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u tas-sensibilizzazzjoni u t-tixrid ta' prassi tajba madwar l-Unjoni kollha, l-għanijiet tas-Sena Ewropea tal-Iżvilupp ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala tas-Sena Ewropea tal-Iżvilupp, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-deċiżjoni ma tmurx lilhinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

***Suġġett***

L-2015 tiġi ddikjarata bħala "Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea").

*Artikolu 2*

***Objettivi***

L-iskop ġenerali tas-Sena Ewropea huwa:

– li jiġu infurmati ċ-ċittadini tal-UE dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, b'enfasi fuq dak li l-Unjoni Ewropea tista' diġà tikseb bħala l-ikbar donatur tal-għajnuna fid-dinja u kif tista' tagħmel aktar permezz tas-saħħa magħquda tal-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet tagħha.

– li tistimula l-interess attiv taċ-ċittadini Ewropej fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u li trawwem sens ta' responsabbiltà u opportunità fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika. kif ukoll

– li jitqajjem għarfien dwar ir-rwol tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE, li twassal għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji mhux biss għar-riċevituri iżda wkoll għaċ-ċittadini tal-UE, f'dinja li dejjem qed tinbidel u ssir dejjem aktar interdipendenti.

*Artikolu 3*

***L-inizjattivi involuti***

1. Il-miżuri meħuda sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 jistgħu jinkludu l-inizjattivi li ġejjin li jiġu organizzati fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali, kif dettaljat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni:

---

15 ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3.

– kampanji ta’ komunikazzjoni biex jinxterdu l-messaġġi ewlenin immirati lejn il-pubbliku ġenerali u lejn udjenzi aktar speċifiċi, inkluż permezz tal-midja soċjali;

– l-organizzazzjoni ta’ konferenzi, avvenimenti u inizjattivi mal-partijiet interessati rilevanti kollha, illi tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva u d-dibattitu, u biex titqajjem kuxjenza fil-livell Ewropew;

– jittieħdu inizjattivi konkreti fl-Istati Membri mmirati lejn il-promozzjoni tal-oġġettivi tas-Sena Ewropea, b’mod partikolari permezz tal-iskambju ta’ informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-prassi tajba fost amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, u ta’ organizzazzjonijiet oħra; kif ukoll

– it-twettiq ta' studji u stħarriġ u t-tixrid tar-riżultati tagħhom.

2. Il-Kummissjoni tista' tidentifika attivitajiet oħrajn li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea u jistgħu jippermettu li l-isem tas-Sena Ewropea jintuża fil-promozzjoni ta’ dawk l-attivitajiet sakemm dawn ikunu jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2.

*Artikolu 4*

***Il-koordinazzjoni mal-Istati Membri***

1. Kull Stat Membru qed jiġi mistieden jaħtar koordinatur nazzjonali responsabbli għall-organizzazzjoni tas-sehem tiegħu fis-Sena Ewropea u jinforma lill-Kummissjoni b’dik il-ħatra.

2. Il-koordinaturi nazzjonali, f’koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, jikkonsultaw u jikkooperaw ma’ firxa wiesgħa ta’ partijiet interessati, inkluża s-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, il-parlamenti nazzjonali u, fejn xieraq, l-aġenziji nazzjonali jew punti ta’ kuntatt għall-progammi relevanti tal-Unjoni.

3. Sal-1 ta’ Ġunju 2014, l-Istati Membri huma mistiedna jibagħtu lill-Kummissjoni l-programm ta’ ħidma propost tagħhom, li għandu jippreżenta d-dettalji dwar l-attivitajiet nazzjonali ippjanati għas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, skont l-objettivi elenkati fl-Artikolu 2 u d-dettalji tal-miżuri stipulati fl-Anness.

4. Qabel ma tapprova l-programmi ta’ ħidma, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-attivitajiet jikkonformaw, f’konformità mar-Regolament Finanzjarju u r-regoli ta’ applikazzjoni tiegħu, mal-għanijiet stabbiliti mid-Deċiżjoni preżenti.

*Artikolu 5*

***Il-pajjiżi parteċipanti***

Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tas-Sena Ewropea li għandhom jiġu ffinanzjati għandha tkun miftuħa għal:

– l-Istati Membri;

– il-pajjiżi kandidati li jkunu qed jibbenefikaw minn strateġija ta’ qabel l-adeżjoni, bi qbil mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta’ dawk il-pajjiżi fi programmi tal-Unjoni kif stabbilit fil-Ftehim Qafas u f'deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, rispettivament; kif ukoll

*Artikolu 6*
***Il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni u l-implimentazjoni***

1. Il-Kummissjoni timplimenta din id-Deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni, partikolarment billi taddotta d-deċiżjonijiet ta' finanzjament meħtieġa skont ir-Regolamenti li jistabbilixxu l-Istrumenti ta' Finanzjament rilevanti għall-azzjonijiet ikkonċernati.
2. Il-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet attivi fi kwistjonijiet ta' żvilupp.
3. Il-Kummissjoni torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali biex tikkoordina l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea u biex isir skambju tat-tagħrif dwar l-implimentazzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.
4. Il-Kummissjoni torganizza laqgħat tal-partijiet interessati u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi Ewropej attivi fil-qasam tal-iżvilupp biex jassistuha fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.
5. Il-Kummissjoni tagħmel it-tema tas-Sena Ewropea prijorità fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni tar-Rappreżentazi tagħha fl-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea f'pajjiżi sħab. Bl-istess mod, netwerks ewlenin rilevanti fil-livell tal-Unjoni li jirċievu appoġġ mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-ispejjeż tal-operat tagħhom jistabbilixxu t-tema tas-Sena Ewropea bħala prijorità fl-aġenda tagħhom.

*Artikolu 7*
***Il-konsistenza u l-kumplimentarjetà***

Skont ir-Regolamenti li jistabbilixxu l-Istrumenti ta' Finanzjament rilevanti għall-azzjonijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni tiżgura li l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu konsistenti ma' kull skema u inizjattiva oħra tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali, li jgħinu fil-kisba tal-objettivi tas-Sena Ewropea, u jkunu jikkomplementaw bis-sħiħ l-inzjatitvi u r-riżorsi eżistenti tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.

*Artikolu 8*
***Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar sostenn finanzjarju u mhux finanzjarju***

1. Il-miżuri li min-natura tagħhom huma mifruxa mal-Unjoni kollha, u li huma msemmija fil-Parti A tal-Anness, iwasslu għal sejħa għall-offerti jew għal għotjiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni skont it-Titolu V u t-Titolu IV tar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-miżuri li jkunu min-natura tagħhom mifruxa mal-Unjoni kollha, imsemmija fil-Parti B tal-Anness, jistgħu jiġu kofinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni tista' tagħti kofinanzjar lil kull korp nazzjonali ta' koordinazzjoni skont il-proċedura stabbilita fil-Parti C tal-Anness.
4. Fejn xieraq, u bla ħsara għall-objettivi u l-baġit tagħhom, il-programmi eżistenti li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-iżvilupp jistgħu jsostnu s-Sena Ewropea.
5. Appoġġ mhux finanzjarju jista' jingħata mill-Kummissjoni għal attivitajiet li jsiru minn organizzazzjonijiet pubbliċi u privati skont l-Artikolu 3(2).

*Artikolu 9*
***Il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***

1. Il-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'verifiki effikaċi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu ħażin u, fejn xieraq, b'penalitajiet amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonali u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' dokumenti kif ukoll ta' kontrolli fuq il-post, fuq il-benefiċjarji kollha tal-għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha, li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni taħt din id-Deċiżjoni.

3. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)[16] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra[17] bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività oħra illegali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'konnessjoni ma' xi ftehim jew deċiżjoni ta' għotja jew ta' xi kuntratt iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10*
***Monitoraġġ u evalwazzjoni***

Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi previsti f'din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 11*
***Dħul fis-seħħ***

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-wieħed u għoxrin (21) jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

